

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-179/06) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa — Evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet fuq l-ambjent)

(2007/C 297/15)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: D. Recchia, aġent)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: I. Braguglia u G. Fiengo, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta' l-Artikoli 6(3) u 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, p. 7) — Nuqqas li jagħmel evalwazzjoni ta' l-impatt fuq iż-żona ta' protezzjoni speċjali IT 9120007 Murgia Alta minn numru ta' kostruzzjonijiet industrijali

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata tbahti l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 143, 17.6.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 (Talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesverwaltungsgericht) — Matthias Kruck vs Landkreis Potsdam-Mittelmark

(Kawża C-192/06) ⁽¹⁾

(Strutturi agrikoli — Skemi ta' għajjnuna tal-Komunità — Artikolu 7(6) tar-Regolament (KEE) Nru 1765/92 — Artikolu 9(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3887/92 — Artijiet imwarrba — Tnaqqis ta' ħlas ta' kumpens)

(2007/C 297/16)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Matthias Kruck

Konvenuta: Landkreis Potsdam-Mittelmark

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesverwaltungsgericht — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 9(2) sa (4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3887/92, tat-23 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' amministrazzjoni u tas-sistema ta' kontroll għal ċerti sistemi ta' għajjnuna tal-Komunità (ĠU L 391 p. 36), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1648/95, tas-6 ta' Lulju 1995, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3887/92 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' amministrazzjoni u tas-sistema ta' kontroll għal ċerti sistemi ta' għajjnuna tal-Komunità (ĠU L 156 p. 27), kif ukoll tat-tieni u tar-raba' sentenzi ta' l-Artikolu 7(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1765/92, tat-30 ta' Ġunju 1992, li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuh tar-raba' li jinħarat (ĠU L 181 p. 12), kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2989/95, tad-19 ta' Diċembru 1995, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1765/92 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuh tar-raba' li jinħarat (ĠU L 312 p. 5) — Determinazzjoni taż-żona massima mwarrba li tagħti dritt għal ħlasijiet ta' kumpens abbażi tas-superfċji użata effettivament ddeterminata waqt kontroll u mhux abbażi ta' dik indikata fit-talba għal ħlas ta' kumpens

Dispożittiv

L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3887/92, tat-23 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-amministrazzjoni u tas-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajjnuna tal-Komunità, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1648/95, tas-6 ta' Lulju 1995, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kalkolu taż-żona massima li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni għal ħlas ta' kumpens għal twarrib ta' artijiet skond it-tieni u r-raba' sentenzi ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1765/92, tat-30 ta' Ġunju 1992, li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuh tar-raba' li jinħarat, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2989/95, tad-19 ta' Diċembru 1995, għandu jsir abbażi tas-superfċji mitluba, sakemm din is-superfċji tkun effettivament użata għall-uċuh tar-raba' li jinħarat u ma tinkludix xi artijiet esklużi permezz ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1765/92, kif emendat mir-Regolament Nru 2989/95, mill-benefċju tal-ħlas ta' kumpens.

⁽¹⁾ ĠU C 154, 1.7.2006.